**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 10 - IL-ĦAMIS 10 TA' OTTUBRU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fit-19:39pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużat: | Clinton Sammut | Kunsillier |
| Pubbliku: | Ma kien hemm l-ebda preżenza tal-pubbliku. | |

**1. APOLOĠIJI**

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillier Sammut kien infurmah li ma setax jattendi għal-laqgħa għaliex ma kienx jiflaħ. Kopja tal-email annessa f'A.

1.2. F'dan il-ħin il-Kunsilliera Galea, Sciberras u Bonnici infurmaw li se jkollhom jitilqu kmieni mil-laqgħa minħabba impenji oħra personali.

**2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Is-SE ressaq il-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija. Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE.

2.2. F'dan il-ħin waslet il-Kunsilliera Miceli, il-ħin kien it-19:41.

**3. KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU U KORRISPONDENZA**

3.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien ġie avviċinat minn persuna li xtaqet iddaħħal applikazzjoni taħt il-Fond tal-Arti biex torganizza proġett pilota ta' drama għall-anzjani fin-Naxxar. Minħabba li dan jista' jkun interessanti u anki meqjus servizz addizzjonali għall-istess anzjani, il-Kunsill qabel li jikkollabora f'dan il-proġett. Il-Kunsill ma tiswieh l-ebda spejjeż. Il-Kunsill qabel.

3.2. Is-Sindku fakkret li l-Kunsill kien mistieden biex ikun parti mill-programm *Xarabank*, li se jixxandar fil-31 ta' Jannar 2014. Appellat lill-Kunsilliera biex jekk

jafu dwar nies tal-lokal li għandom xi stejjer interessanti, għandhom jiġbru d-dettalji tagħhom sabiex jintbgħatu lill-organizzaturi ta' *Xarabank*.

3.3. Fakkret ukoll li l-Kunsill irid javża lir-residenti dwar dan biex jekk ikun hemm xi ħadd interessat li jkun parti mill-udjenza, il-Kunsill jorganizza trasport. Membri tal-udjenza jingħataw xi rigali mill-programm stess.

3.4. Is-Sindku infurmat li nhar l-Erbgħa 25 ta' Settembru ġiet uffiċjalment varata l-Għaqda Kulturali Wirt Naxxari, u li se jsiru sensiela ta' laqgħat dwar l-istorja tan-Naxxar. L-ewwel laqgħa se ssir fis-16 ta' Ottubru 2013.

3.5. Is-SE informa li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand Anton Zarb, li kien tefa' u rebaħ l-ewwel offerta għat-tabelli għal siti storiċi. Dan iżda ma kienx pprovda s-sinjali fiż-żmien skond kif kien miftiehem fil-kuntratt u minħabba f'hekk il-Kunsill kien żamm il-garanzija bankarja li kien issottometta mal-kuntratt kif kellu l-obbligu.

3.6. Is-Sur Zarb qed jitlob li jerġa jieħu l-flus tal-garanzija bankarja lura. Is-Sur Zarb kien ġibed l-attenzjoni wkoll li, minn rajh, kien ipprovda mudell tat-tabelli u li, grazzi għal dan il-mudell, il-Kunsill kien varja xi ftit id-disinn. Is-SE informa li wara konsultazzjoni mal-Avukat, jidher li l-Kunsill ma jistax jgħati lura dawn il-flus. Kien hemm qbil li l-Kunsill ma għandux jilqa' it-talba tas-Sur Zarb u lanqas ma jaċċetta li jagħti xi kumpens għall-mudell li sar bi prova.

3.7. Is-Sinkdu infurmat li hemm ix-xewqa minn grupp ta' infermiera li jorganizzaw kors tal-ewwel għajnuna. Il-Kunsill iħallas €100 għal kull 20 persuna li tieħu sehem. Kien hemm qbil li dan il-kors isir. Ġie ssuġġerit ukoll li l-Kunsill jgħamel avviż fuq il-ħarġa tal-Kuntatt li jmiss kif ukoll jinforma lill-għaqdiet biex jibgħatu l-parteċipanti.

3.8. F'dan il-ħin il-Kunsillier Bonnici semma li ma jħossux komdu jikkorrispondi dwar affarijiet urġenti bl-*email*. Huwa spjega kif ikun iħossu aktar komdu biex jesprimi l-opinjonijiet tiegħu waqt laqgħa b'urġenza minflok bl-*email*. Huwa aċċenna b'mod partikulari għall-applikazzjoni li saret għall-fondi tal-Unjoni Ewropea taħt il-miżura 313 tal-Fondi għall-Iżvilupp Rurali.

3.9. Is-SE tkellem dwa dan fejn saħaq li xi drabi ma jkunx hemm biżżejjed żmien biex tissejjaħ laqgħa b'urġenza filwaqt li lanqas ikun possibli għall-membri li jattendu meta msejħa fi żmien qasir. Huwa għalhekk li xi drabi jkun essenzjali li ssir komunikazzjoni bl-email.

3.10. Il-Kunsillier Sciberras semma li kien sar jaf b'kaz ta' bozza maqtugħa li kienet ilha ħafna maqtugħa. Skond l-informazzjoni li kellu r-raġuni kienet li min-naħa tal-kuntrattur hemm xi *parts out of stock*. Is-SE qal li se jiċċekja dwar dan il-kaz għaliex id-dewmien mhux aċċettabbli u li iżda ma kienx konxju ta' din il-problema.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U APPROVAZZJONI TA' RENDIKONTI FINANZJARI

4.1. Il-Kunsill approva l-lista ta' pagamenti kif annessa f'B.

4.2. Il-Kunsill approva wkoll il-lista ta' ordnijiet u l-lista ta' dħul għax-xahar ta' Settembru. Dawn huma annessi f'Ċ u D rispettivament.

## 5. OFFERTI TAL-HANDYMEN

5.1. Is-SE informa li kien ikkonsulta mal-avukat, u kkonfermalu li l-offerenti huma intitolati jitolbu għal ħlas addizjonali biex jittellgħu il-bnadar ta' quddiem il-Kunsill sakemm dan ikun barra l-ħin normali tax-xogħol tagħhom.

5.2. Wara ftit diskussjoni kien hemm qbil li jsiru dwal fuq il-bnadar sabiex ma jkunx hemm il-bżonn li dawn jittellgħu u jitniżżlu kuljum.

5.3. Il-Kunsillier Sciberras talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-20:11.

5.4. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jiddiskuti punt numru 7 tal-Aġenda.

## 6. RESTAWR TAL-MITĦNA U L-UŻU TAGĦHA

6.1. Għal din il-parti tal-laqgħa kienet mistiedna l-Perit tal-Kunsill Wendy Attard biex tispjega d-dettalji tekniċi.

6.2. Is-SE introduċa lill-Perit Attard u informa li qed isiru taħdidiet mal-MCAST sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jgħinu fir-restawr bħala esperjenza għall-kors tagħhom.

6.3. Il-Kunsillier Bonnici talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-20:14.

6.4. Fost affarijiet oħra il-Perit semmiet li sabiex il-mitħna tkun tista tinfetaħ għall-pubbliku, il-mitħna trid tkun aċċessibbli. Infurmat ukoll li l-Mitħna hija skedata fi grad 1 u li allura kull intervent li jsir fuqha jrid ikollu l-permess mill-MEPA. Għalhekk kien essenzjali li l-Kunsill jiddikjara x'se jkun eżatt l-użu tagħha minħabba propju l-applikazzjoni mal-MEPA.

6.5. Il-Perit Attard saħqet li possibilment isir *toilet* fuq kull sular. Infurmat li jagħmel sens li ssir kċina żgħira biex taqdi l-ħtiġijiet ta' xi funzjonijiet okkażjonali.

6.6. Kien diskuss ukoll dwar kif jista' jsir lift b'mod li ma jkunx invażiv fuq il-binja. Il-Perit se tindaga dwar x'tipi ta' lifts jistgħu isiru.

6.7. Il-Perit infurmat li kellha l-ħsieb ukoll li fuq il-bejt ikun hemm protezzjoni permezz ta' *railing* li jkun irtirat il-ġewwa biex ma jkunx jidher minn barra.

6.8. Issemmew xi suġġerimenti għall-użu tal-mitħna però finalment il-Kunsill qabel li l-użu għandu jkun għall skop komunitarju.

6.9. Il-Kunsillier Galea talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien it-20:32.

6.10. Kien hemm qbil li jitmexxew l-applikazzjonijiet skond il-pjanijiet li ġew ippreżentati.

## 7. GĦAŻLA TA' EDITUR GĦALL-KUNTATT

7.1. Is-SE informa li s-Sur Salvu Sciberras ma xtaqx jibqa' editur tal-Kuntatt.

7.2. Wara diskussjoni, kien hemm qbil li s-SE għandu jistaqsi lil Glen Calleja jekk hux interessat. Is-Sur Calleja kien l-editur tal-publikazzjoni Viva l-Vitorja, li ppublika l-Kunsill ftit tax-xhur ilu.

7.3. Is-Sindku ddikjarat li, jekk is-Sur Calleja ma jaċċettax, hi ma ssib l-ebda problema li tpoġġi isimha bħala editur.

## 8. IT-TERMINI TA' RIFERENZA GĦALL-EIS TAL-APPLIKAZZJONI GĦALL-POMPA TAL-PETROL TAL-MAGĦTAB

8.1. Il-Kunsill qabel mat-termini tar-riferenza għall-EIS u għalhekk iddikjara li, jekk isir kollox kif miktub, m'għandux ikun hemm problema.

## 9. RAPPORTI MILL-KUMITATI/SOTTOKUMITATI

9.1. Is-Sindku infurmat li s-Sottokumitat ta' San Pawl tat-Tarġa iddiskuta dwar tabelli ta' xi ismijiet ta' toroq li kellhom jinbidlu, kif ukoll dwar *hump* li hemm fi Triq E. Bradford, u li kienet tressqet talba biex tinqala'. Infurmat li ma kienx hemm qbil li din tinqala' lanqas mis-sottokumitat tal-ilmenti.

9.2. Il-Viċi Sindku infurmat li s-Sottokumitat tan-Negozji ddiskuta ħafna affarijiet, fosthom biex isir tisbiħ bi fjuri quddiem il-ħwienet, jiddiskutu mal-GreenMT u l-GreeDot dwar il-ġbir ta' kartun, u biex isiru *service gutters* quddiem il-ħwienet meta jinbidlu l-bankini.

9.3. Il-Viċi Sindku infurmat ukoll li n-negozji fi ħsiebhom jorganizzaw attività tal-Milied (Suq tal-Milied*)*, u xtaqu l-għajnuna finanzjarja tal-Kunsill. Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-Sottokumitat għandu jippreżenta l-ispejjeż kollha lill-Kunsill, hekk kif ikollu l-ammont totali, il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi kemm ikun jista' jikkontribwixxi.

9.4. F'dan il-ħin il-Kunsill iddeċieda li jiddiskuti punt numru 10 mill-Aġenda.

## 10. GĦOTI TA' OFFERTI/KWOTAZZJONIJIET

10.1. Wara diskussjoni qasira kien hemm il-qbil li l-offerti ta' xiri ta' *airconditioner* għas-sala tal-Kunsill u s-servizz ta' *live streaming* tal-laqgħat tal-Kunsill għandhom possibilment jiġu diskussi fil-Kumitat tal-finanzi.

10.2. Kien hemm qbil unanimu li jintgħażlu l-irħas offerti għat-tneħħija tat-taraġ tal-bandli u għat-trasport għall-anzjani taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

## 11. MOZZJONI DWAR KUNSILLIERI FUQ SOTTOKUMITATI

11.1. Il-Mozzjoni, skond kif mehmuza f'E, ġiet ippreżentata mill-Kunsillier Gatt, u issekondata mis-Sindku.

11.2. Il-Mozzjoni kif imressqa ġiet approvata *nem con* mingħajr diskussjoni.

## 12. ĦRUĠ TA' OFFERTI

12.1. Wara spjega qasira mis-SE dwar kull offerta li hemm bżonn tinħareġ, kien hemm qbil li għandu jinbeda l-proċess sabiex dawn jinħarġu. Dawn jinkludu dawk l-offerti kollha li waslu biex jiskadu kif ukoll offerti għar-restawr tal-istatwi u tat-tabelli tas-siti storiċi liema offerta diġà ħarġet darbtejn oħra qabel u li għalhekk kellhom jinbidlu l-ispeċifikazzjonijiet b'mod li ma jibqax aktar jispeċifika *stainless steel*.

12.2. Fir-rigward tal-kuntratt tal-ġbir ta' skart, kien hemm il-qbil li l-Kunsill għandu jinforma lis-sidien tan-negozji biex kemm jista jkun iżommu l-ħinijiet tal-ġbir ta' skart, speċjalment fejn jidħol kartun u oġġetti riċiklati, sabiex iżommu l-ġranet allokati għal-ġbir ta' dan it-tip ta' skart.

## 13. RAPPORT U RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-FESTA TA' MARIJA BAMBINA

13.1. Is-SE ressaq ir-rapport tal-ispettur tal-permessi, s-Sur Raymond Grima, li kien meqjus moqri.

13.2. Is-SE informa lill-Kunsill li mill-permessi kollha li kienu inħarġu mill-Kunsill, skont ir-rapport tal-ispettur tal-permessi kien hemm il-ħanut Marmiton biss li ma kienx mexa skond ir-regolamenti tal-permess, u ħareġ ammont ta' imwejjed u siġġijiet aktar milli kien applika għalihom.

13.3. Minħabba dan, wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għanda tinżamm parti mill-garanzjia li tħalliet, l-ammont għandu jkun €300. Is-SE kien mitlub ukoll biex isir ftehim iffirmat ma' Marmiton li għandu jispeċifika li dan l-ammont huwa konċessjoni għaliex bi dritt il-Kunsill kellu jżomm €500 iżda qiegħed iżomm biss €300 bil-kundizzjoni li ma jerġax ikun hemm kontravenzjoni oħra dwar permessi simili u li jekk ikun hemm, ma jinħarġux aktar permessi lil dan il-ħanut.

13.4. Is-SE imbagħad għadda biex jaqra r-rakkomandazzjonijiet tiegħu biex ikunu kkunsidrati mill-Kunsill.

13.5. Dwar punt numru 7 kien hemm qbil li l-ħin tal-għeluq għandu jkun mit-8pm, bejn it-3 u l-5 ta' Settembru, u mis-6pm bejn is-6 u t-8 ta' Settembru.

13.6. Dwar punt numru 8 kien hemm qbil li m'hix applikabbli minħabba it-tibdil f'punt numru 7.

13.7. Dwar punt numru 12 kien hemm qbil li tintalab kwotazzjoni mill-kuntrattur.

13.8. Dwar punt numru 13 kien hemm qbil li l-Kunsill jikkunsidra ż-żona ta' bejn Cellini u l-Klabb tal-Futbol.

13.9. Kopja tar-rakkomandazzjonijiet approvati huma annssi f'F.

## 14. TMIEM IL-LAQGĦA

14.1. Is-SE informa li l-Kunsillier Sammut kien infurmah li kien se jibda jkollu xi impenji ta' studju l-Ħamis u li għalhekk kien jippreferi jekk il-laqgħa tibda ssir it-Tlieta. Il-Kunsill qabel.

14.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 12 ta' Novembru.

14.3. Il-laqgħa intemmet fil-22:24.

| | |
|---|---|
| **Maria F. Deguara *MD,MMCFD*** | **Paul Gatt Dip.Mgmt (Henley), MIM** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

A

Paul Gatt < >

## Nota - Laqgha Kunsill

**Clinton Sammut** < > 10 October 2013 18:37
To: Paul Gatt < >

Ghaziz Sur Segretarju,

Nispera li tnsab tajjeb. Din l-email qieghed nibghata biex ninfurmak biex inkun skuzat waqt il-laqgha tal-kunsil, minhabba ragunijiet ta' sahha.

Niskuza ruhi tal-inkonvenjenza,

tislijiet,

Clinton

--
Clinton Sammut
Councillor- Naxxar Local Council
Sports/ Youth and Environment.
Mob:
Email:

B

Kunsill Lokali: Naxxar

Skeda Nru. Laqgha 10

Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

Data: mil-10 ta' Settembru 2013 sat-3 ta' Ottubru 2013

| | Fornitur | Ammont tal- Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates Ltd | €139.24 | €139.24 | T | PF | Review of planning application fees - Aug 13 | 31/08/2013 | 1243 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Aldo Bajada | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing tables and chairs in Festa Vittorja Naxxar Sept 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 16978 |
| 3 | Aldo Grima | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing tables and chairs in Festa Vittorja Naxxar Sept 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 16976 |
| 4 | Allcare Insurance Brokers Ltd | €65.82 | €18.90 | D | PF | Insurance for Naxxar Local Council offices [period between the 9/09/2013 and 04/05/2014] less credit notes I-RP 5786 & I-RP 5787 | 09/09/2013 | I-AP 7658 | n/a | n/a | 3030 | |
| 5 | Allison Cilia Gafa | €25.00 | €25.00 | D | PF | Refund for a Zumba Course that had to be cancelled less participation fee for an Aerobics Course | n/a | n/a | n/a | n/a | 21 | 16971 |
| 6 | AMJ Legal | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - Sept 13 | 01/10/2013 | 187 of 2013 | n/a | n/a | 3140 | |
| 7 | Annabelle Attard | €660.00 | €660.00 | K | PF | 2 Zumba classes: May till July 2013 for Nxr & June till Aug 2013 for BIC | 21/08/2013 | Inv. 08/2013 | 4501 | 4501 | 21 | |
| 8 | Anne-Marie Pavia | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing tables and chairs in Festa Vittorja Naxxar Sept 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 16981 |
| 9 | Anthony Galea | €82.00 | €82.00 | D | PF | Tiswija tal-Bandli, cappetti ghall-bieb, bicca hadida, ecc | 26/09/2013 | 6133299 | 4506 | 4506 | 2310 | |
| 10 | Arms Ltd | €283.75 | €283.75 | D | PF | Electricity & water consumption bills for Gnien l-Ghenieq [period: 15/03/2013 till 14/06/2013] | 18/09/2013 | 17450071 | n/a | n/a | 2130 | 16987 |
| 11 | Arms Ltd | €153.55 | €153.55 | D | PF | Electricity & water consumption bills for Public Garden in Triq Sir H. Luke [period: 16/03/2013 till 15/06/2013] | 18/09/2013 | 17450074 | n/a | n/a | 2130 | 16988 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | Arms Ltd | €272.83 | €272.83 | D | PF | Electricity & water consumption bills for Water Pump in Triq il-Parrocca [period: 15/03/2013 till 24/06/2013] | 18/09/2013 | 17450373 | n/a | n/a | 2130 | 16989 |
| 13 | Arms Ltd | €265.65 | €265.65 | D | PF | Electricity & water consumption bills for Pelican Lights in Triq San Pawl [period: 16/03/2013 till 15/06/2013] | 18/09/2013 | 17450072 | n/a | n/a | 2130 | 16990 |
| 14 | Arms Ltd | €109.24 | €109.24 | D | PF | Electricity & water consumption bills for Public Garden & Parking in Triq l-Ghakkies [period: 16/03/2013 till 14/06/2013] | 18/09/2013 | 17450070 | n/a | n/a | 2130 | 16991 |
| 15 | Arms Ltd | €92.66 | €92.66 | D | PF | Electricity & water consumption bills for Gnien il-Hamrija in Triq il-Hamrija [period: 15/03/2013 till 14/06/2013] | 18/09/2013 | 17450073 | n/a | n/a | 2130 | 16992 |
| 16 | Arms Ltd | €360.37 | €360.37 | D | PF | Electricity & water consumption bills for Gnien l-Unjoni Ewropeja [period: 15/03/2013 till 14/06/2013] | 18/09/2013 | 17450069 | n/a | n/a | 2130 | 16993 |
| 17 | Bonalco Aluminium Ltd | €24.00 | €24.00 | D | PF | Galvanized sheets for the barriers in Pjazza Vittorja | 17/09/2013 | 25250 | 4496 | 4496 | 2310 | |
| 18 | C&C Projects Ltd | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 - 10th claim on a/c | 17/09/2013 | 130902 | n/a | n/a | 3130 | |
| 19 | Carol Cortis | €40.00 | €40.00 | D | PF | Refund for a Zumba Course that had to be cancelled | n/a | n/a | n/a | n/a | 21 | 16969 |
| 20 | CDA Ink & Toner Ltd | €93.09 | €93.09 | D | PF | Hp CB540A Black Hp & Hp CE285A Hp P1102 | 19/09/2013 | 10239 | 4500 | 4500 | 2620 | |
| 21 | Commissioner of Inland Revenue | €2,665.90 | €2,665.90 | D | PF | FSS + NI for Sept 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1500 | 16967 |
| 22 | CSD Office Trade | €86.55 | €86.55 | D | PF | 5 A5 top spiral note book; 2 envelope brown; staples; etc. | 19/09/2013 | 45542 | 4498 | 4498 | 2620 | |
| 23 | Datatrak IT Services | €15.23 | €15.23 | D | PF | Project 1010-LES - Naxxar Local Council - Sept 13 | 30/09/2013 | 1010675 | n/a | n/a | 3610 | |
| 24 | Dolceria Appettitosa | €112.69 | €112.69 | K | PF | 50 Salmon & Caviar Toast; service charge; 1 head waiter & flaked ice for MCCF 2013 | 14/09/2013 | 362 | 4478 | 4478 | 3360 | |
| 25 | Dr Maria Fatima Deguara | €817.35 | €817.35 | D | PF | Mayor's remuneration - Sept. 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1100 | n/a |
| 26 | Fleur Vella | €40.00 | €40.00 | D | PF | Refund for a Zumba Course that had to be cancelled | n/a | n/a | n/a | n/a | 21 | 16972 |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Floreal Home | €20.00 | €20.00 | D | PF | Centre Piece fresh flowers for Council meeting dated 12/09/2013 | 12/09/2013 | 10 | 4480 | 4480 | 3320 | |
| 28 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager fee - Sept 13 | 30/09/2013 | 2598 | n/a | n/a | 3065 | |
| 29 | Go plc | €217.92 | €217.92 | D | PF | Telephony monthly service - Aug 13 (21417224) | 06/09/2013 | 34159353 | n/a | n/a | 2160 | 16909 |
| 30 | Go plc | €45.58 | €45.58 | D | PF | Telephony monthly service - Aug 13 (21416341) | 06/09/2013 | 34159352 | n/a | n/a | 2160 | 16910 |
| 31 | Go plc | €16.27 | €16.27 | D | PF | Telephony monthly service - Aug 13 (21416363) | 06/09/2013 | 34159355 | n/a | n/a | 2160 | 16911 |
| 32 | Grace Camilleri | €149.04 | €149.04 | D | PF | Branch librarian services - Sept. 13 | 01/10/2013 | Set-13 | n/a | n/a | 2995 | |
| 33 | Ian Micallef | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing tables and chairs in Festa Vittorja Naxxar Sept 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 16984 |
| 34 | Image Systems Ltd | €77.94 | €77.94 | D | PF | Ink per page (photocopier) - Aug 13 | 31/08/2013 | FSMA/097529 | n/a | n/a | 2670 | |
| 35 | Jesmond Cassar | €120.00 | €120.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing machinery in Triq l-Amerika | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16985 |
| 36 | Jurgen Attard | €285.00 | €285.00 | T | PF | Football Ground Warden - Sept. 13 | 30/09/2013 | 158719 | n/a | n/a | 3191 | |
| 37 | Leo's Garage Paramount | €167.67 | €167.67 | K | PF | Transport services for the elderly - Aug 13 | 26/09/2013 | 25672 | n/a | n/a | 2720 | |
| 38 | Local Councils' Association | €63.00 | €63.00 | D | PF | Seminar Participation Fee - Laqgha ghas-Sindki | n/a | n/a | n/a | n/a | 2541 | 16906 |
| 39 | Lynn Magro | €15.00 | €15.00 | D | PF | Refund for a Pilates Course due to change in date | n/a | n/a | n/a | n/a | 3381 | 16975 |
| 40 | Mark Galea | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing tables and chairs in Festa Vittorja Naxxar Sept 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 16980 |
| 41 | Melita plc | €91.05 | €91.05 | D | PF | Telephony monthly service & Fibre Powered Internet - Sept 2013 | 01/09/2013 | 34540733 | n/a | n/a | 2160 | 16903 |
| 42 | Melita plc | €2.40 | €2.40 | D | PF | Tv monthly service - Sept 13 | 01/09/2013 | 34541374 | n/a | n/a | 2165 | 16904 |
| 43 | Michelle Cordina | €15.00 | €15.00 | D | PF | Refund for a Pilates Course due to change in date | n/a | n/a | n/a | n/a | 21 | 16974 |
| 44 | Nathalie Golovkin Cassar | €25.00 | €25.00 | D | PF | Refund for a Zumba Course that had to be cancelled less participation fee for an Aerobics Course | n/a | n/a | n/a | n/a | 21 | 16970 |
| 45 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Jun 13 | 30/06/2013 | NXR 06/13 | n/a | n/a | 3041 | |
| 46 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Jul 13 | 31/07/2013 | NXR 07/13 | n/a | n/a | 3041 | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 47 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage waste collection - Aug 13 | 31/08/2013 | NXR 08/13 | n/a | n/a | 3041 | |
| 48 | Omar Micallef | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing tables and chairs in Festa Vittorja Naxxar Sept 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 16982 |
| 49 | Paul Cortis | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing tables and chairs in Festa Vittorja Naxxar Sept 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 16983 |
| 50 | Permanent Secretary, Ministry for Tourism | €45.00 | €45.00 | D | PF | Advert on the Malta Independent dated 11/09/2013 (Advert with re. to 4 quotations) | 06/09/2013 | email dated 06/09/2013 | 4508 | 4508 | 2940 | |
| 51 | Philip Magri | €110.00 | €110.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing scaffolding in Triq Zenqa | n/a | n/a | n/a | n/a | 4006 | 16986 |
| 52 | Ricky Caruana | €567.45 | €546.00 | T | PF | Civic Centre Cleaning - Sept. 13 | 28/09/2013 | Set-13 | n/a | n/a | 3055 | |
| 53 | Ricky Caruana | €850.00 | €850.00 | T | PF | Public Convenience Cleaning - Sept. 13 | 28/09/2013 | Set-13 | n/a | n/a | 3053 | |
| 54 | Smart Office Supplies Ltd | €182.90 | €182.90 | D | PF | Binding machine heavy duty | 07/09/2013 | 13045629 | 4505 | 4505 | 7310 | |
| 55 | Sonia Chetcuti | €15.00 | €15.00 | D | PF | Refund for an Aerobics Course due to Health Reasons | n/a | n/a | n/a | n/a | 21 | 16973 |
| 56 | Staff Salaries | €7,705.48 | €7,705.48 | D | PF | Staff wages - Sept. 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 1200 | n/a |
| 57 | Stephen Cesare | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing tables and chairs in Festa Vittorja Naxxar Sept 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 16977 |
| 58 | Valentino Cuschieri | €500.00 | €500.00 | D | PF | Refundable guarantee for placing tables and chairs in Festa Vittorja Naxxar Sept 2013 | n/a | n/a | n/a | n/a | 4007 | 16979 |
| 59 | Vodafone MT | €105.56 | €105.56 | D | PF | Telephony monthly service - Aug 13 | 01/09/2013 | 3703086092013 | n/a | n/a | 2160 | 16905 |
| 60 | WasteServ Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - Aug 13 | 16/09/2013 | 40763 | n/a | n/a | 3040 | |
| 61 | Casasoft | €1,800.00 | €1,800.00 | D | PF | Naxxar Walks Website Development | 05/04/2013 | 248 | n/a | n/a | 3110 | |
| | | **€51,573.96** | **€50,804.09** | | | | | | | | | |

**Purchase Order list for the month of September 2013** **01/10/2013**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 05/09/2013 | 4490 | Kite Group | Purchase of a book named: "Il-Biografija ta' Dr Sandy Cachia Zammit" | €25.00 |
| 07/09/2013 | 4491 | All Care Brokers Ltd | Insurance coverage: Pro-Rata Additional premium with effect from 25/07/2013 less refunds | €18.90 |
| 09/09/2013 | 4492 | Archway Ironmongery | 2 Highlighters | €10.38 |
| 09/09/2013 | 4493 | J&S Store | Tester, screws, bulbs, katnazz, black spray. | €48.12 |
| 09/09/2013 | 4494 | Richie's Ironmongery | 4 Elbows | €27.20 |
| 10/09/2013 | 4495 | Grezju | Emptying of reservoir in Pjazza Celsi | €177.00 |
| 10/09/2013 | 4496 | Bonalco Aluminium Ltd | 2 Galvanised aluminiun sheets | €24.00 |
| 02/09/2013 | 4497 | Raymond Grima | Permit Inspection services during Festa Vittorja Naxxar 2013 | €147.50 |
| 11/09/2013 | 4498 | CSD Office Trade | Startionary | €86.55 |
| 12/09/2013 | 4499 | Archway Ironmongery | Hammerite, brush, brackets, screws, plugs, wood for shelving. | €30.93 |
| 18/09/2013 | 4500 | COA Ink & Toner Ltd | Toners for office printer | €93.09 |
| 10/05/2013 | 4501 | Annabelle Attard | Tution of 2 Zumba Classes (1 in Nxr and 1 in BIC) | €660.00 |
| 20/09/2013 | 4502 | Archway Ironmongery | Tie clips, starters, pipe, sockets, wall plates, etc. | €132.44 |
| 20/09/2013 | 4503 | Archway Ironmongery | Hinges, bolts, nuts, stop cock, elbows. | €17.78 |
| 27/09/2013 | 4504 | B Grima & Sons Ltd | Mirrors, street name | €394.10 |
| 07/09/2013 | 4505 | Smart Office Supplies | Binding machine heavy duty | €182.90 |
| 07/09/2013 | 4506 | Anthony Galea | Tiswija tal-bandli, cappetti ghall-bieb, bicca hadida, ecc - Gnien Toni Vella | €82.00 |
| 27/09/2013 | 4507 | DOI | Advert on the Malta Govt Gazette dated 10/09/2013 with regards to 4 quotations | €9.32 |
| 27/09/2013 | 4508 | DLG | Advert on the Malta Independent dated 11/09/2013 | €45.00 |
| 27/09/2013 | 4509 | Floreal | Flower arrangements for the 25/09/2013 and 10/10/2013 | €40.00 |
| | | | **Total** | **€2,252.21** |

**D**

**Income list for the month of September 2013** **01/10/2013**

| **Code** | **Description** | **Amount** |
|---|---|---|
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €1,252.50 |
| 0025 | Skip Permit | €81.04 |
| 0026 | Crane Permit | €643.85 |
| 0027 | Kiosk Permit | €69.87 |
| 0028 | Outside activity permit | €20.99 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €172.88 |
| 0032 | Permits for placing tables and chairs | €41.76 |
| 0036 | Contraventions | €46.65 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €12.98 |
| 0121 | Advertising | €140.00 |
| 0125 | Trenching permits | €6.99 |
| 0200 | Debtors | €418.35 |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,630.00 |
| 4007 | Other refundable deposits (deposit -tables and chairs) | €1,000.00 |
| | **TOTAL** | **€5,537.86** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 9236 |
| | To | 9513 |

E

**<u>Riżoluzzjoni dwar Kunsillieri fuq kumitati/sottokumitati</u>**

Il-Kunsillier Noel Gatt jipproponi:

Kull meta jahtar kumitat jew sottokumitat il-Kunsill, ghandu, sakemm isib bizzejjed Kunsilliera interessati, jahtar zewg Kunsilliera fuq kull sottokumitat li jkun responsabbli minn xi żona partikulari jew mill-kumitat/sottokumitat responsabbli mill-finanzi.

Mill-banda l-ohra, sotto kumitati ohra maħtura ghal responsabbilta' li ghaliha jkun hemm Kunsillier delegat tali responsabbilta', ghandu jkollhom persuna wahda biss, ċoe' lil dik il-persuna li lilha tkun delegata tali responsabbilta'.

Biex il-Kunsill ikun konformi ma' din id-decizjoni, ghandu immedjatament jahtar lil *Noel Gatt* biex ikun fuq is-sottokumitat ta’ San Pawl tat-Targa u lil*Pauline Miceli* biex tkun fuq is-sottokumitat ta’ Birguma. Dan biex ikun hemm aktar hidma flimkien u koordinament shih!

Tissekonda:  Is-Sindku, Dott. Maria F. Deguara

F

**RAKKOMANDAZZJONIJIET GĦAL AZZJONIJIET MILL-KUNSILL GĦALL-PERJODU TAL-FESTA TA' MARIJA BAMBINA**

**Wara r-rapport mill-*Permit Inspector* kif ukoll mill-problemi li ffaċċjajna fl-Amministrazzjoni flimkien mal-kummenti mhux uffiċjali mill-Kumitat tal-Festi qiegħed ngħaddi dawn ir-rakkomandazzjonijiet għall-kunsiderazzjoni u l-approvazzjoni tal-Kunsill.**

1. Kull fejn jinħarġu permessi għall-gabbani, jkunu installati tabelli normali fuq *pole* biex jindikaw tajjeb li ma jistax isir ipparkjar f'ħinijiet partikulari f'partijiet partikulari tat-triq. Dawn ikunu tabelli apposta li jintużaw minn sena għall-oħra.

2. Il-ħinijiet tal-gwardjani għas-sorveljanza jinżamm l-istess bħal din is-sena bl-eċċezzjoni li fis-7 ta' Settembru s-sorveljanza tibda aktar kmieni, ċoè fil-5pm.

3. L-ebda kiosk (kemm jekk jiċċaqlaq u kemm jekk le) ma jista' jitpoġġa fil-post aktar kmieni mill-ħin indikat fuq il-permess.

4. Sakemm ikunu f'post tajjeb mingħajr ma jostakolaw, il-gabbani kollha li jkollhom il-permess fejn normalment ikun post għall-parkeġġ, ikun jistgħu jitħallew matul il-perjodu sħiħ tal-permess.

5. Għandu jkun magħmul ċar fuq il-permess li f'postijiet fejn normalment il-parkeġġ mhux permess, il-gabbani għandhom jitneħħew u jerġgħu jintramaw kuljum.

6. M'għandhom joħorġu l-ebda permessi għall-gabbani biex jarmaw qabel it-3 ta' Settembru.

7. Bejn it-3 u l-5 ta' Settembru, il-gabbani jistgħu jarmaw biss mit-8pm 'l quddiem filwaqt li mill-għada jkunu jistgħu jarmaw mis-6pm. Minn dawn il-ħinijiet ikun irid isir l-għeluq minħabba riskji mit-traffiku fuq l-istess bejjiegħa u l-klijenti tagħhom. F'dawn il-ħinijiet (ħlief fejn tkun provduta l-assistenza tal-Pulizija) għandu jinxtara s-servizz ta' gwardjani.

8. *Imħassar.*

9. Għandha ssir twissija lill-għaqdiet tan-nar biex iżommu l-indafa waqt ix-xogħol u wara li jlestu.

10. Il-marki tal-art tal-gabbani għandhom isiru b'żebgħa tajba u mhux spray li jitlaq wara ftit ġranet.

11. Kull gabbana li tapplika għandha tħalli depositu ta' €20 għal kull jum tal-applikazzjoni li tkun marbuta ma' kundizzjoni li jekk il-gabbana ma tarmax f'xi jum partikulari jinżammu €20 mid-depożitu għal kull jum li ma jarmax u ma jingħatawx lura.

12. Il-Kunsill jagħmel arranġament biex l-iskart tal-gabbani tal-ikel u xorb jinġabar minn kuntrattur tal-Kunsill darbtejn waqt kull lejla. L-ispejjeż ta' dan is-servizz jista' jitħallas mis-sidien tal-gabbani skont kif jiddetermina l-Kunsill. Dan l-arranġament għandu jkun estiż ukoll għall-permessi tal-imwejjed u siġġijiet. Għal dan il-Kunsill għandu jitlob stima separata lill-kuntratturi.

13. Għandu jkun determinat post fiss għall-*mobile toilets.* Dan isir b'konsultazzjoni mal-Kumitat Festi Esterni u r-residenti tal-inħawi, inklużi negozji. Possibilment għandu tkun ikkunsidrata ż-żona ta' bejn il-ħanut Cellini u l-klabb tal-futbol.

14. Għandha ssir insistenza mal-Pulizija biex dawk il-vetturi li jitħallew ipparkjati minkejja li jkun hemm it-tabelli, jiġu rmunkati.

15. Għandha ssir insistenza ma' Arriva u TM biex il-ħinijiet tat-tibdil fir-rotot jinżammu.

16. Bejjiegħ li jpoġġu l-merċa fl-art m'għandhomx jitħallew jarmaw.

17. Bejjiegħa bil-karru li jduru mat-toroq m'għandhomx jitħallew jarmaw.

18. Kemm jista' jkun il-Kunsill  għandu jipprovdi reċipjenti għal skart separat.

19. Biex ikun hemm għeluq aktar effettiv u possibilment il-Kunsill jiffranka s-servizzi ta' gwardjani speċjalment għall-għeluq tan-nar, għandhom isiru barriers li jidħlu fl-art attrezzati bid-dawl u t-tabelli *reflective* biex ikunu viżibbli sewwa.

Paul Gatt
Segretarju Eżekuttiv